

# Devozzjoni antika lejn Santa Katarina V.M. ta' Lixandra fis-Siġġiewi

Mario Fenech

Fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi hemm numru sabiħ ta' kwadri t'artisti magħrufa. Din il-Parroċċa tas-Siġġiewi hija waħda mil-eqdem Parroċċi li għandna fil-Gżejjer Maltin. Nafu li kienet diġà mwaqqfa fis-sena 1436 għhaliex tissemma fil-kitba tal-Isqof Senatore De Mello.

Ma jistax jonqos li raħal antik bħal dak tas-Siġġiewi ma jkollux numru ta' lnejjes żgħar fl-inħawi tal-limiti tiegħu. Uħud minn dawn il-knejjes jew kappelli żgħar għadhom weqfin sal-lum, filwaqt li oħrajn intilfu maż-żmien bħal ma ġara fil-każ tal-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' dan ir-raħal li llum ma tantx fadal wieqaf minnha.

Bħal ma jiġri dejjem dak li jkun fihom dawn il-kappelli jiġi meħud fil-Knisja Parrokkjali fejn wieħed jista' jibqa' jgawdi dan il-Patrimonju. Fis-Sagristija tal-Knisja Arċipretali ta' San Nikola hemm wieħed minn dawn il-kwadri li x'aktarx kien jinsab f'waħda minn dawn il-kappelli li m'għadhomx weqfin.

Fih hemm ix-xbieha ta' Santa Katarina Verġni w Martri. Dan il-kwadru huwa ferm antik u ma nafux min pinġih. Lill Qaddisa ma narawhiex waqt il-Martirju tagħHa, iżda tidher bilwieqfa b'idejHa x-xellugija fuq SidirHa filwaqt li f'idejHa l-oħra qegħdha żżomm il-Palma bħala simbolu tal-Martirju tagħHa. Ikun sew li kieku dan il-kwadru jsir studju bir-reqqa fuqu biex inkunu nafu aktar dwaru u min hu l'artist li pinġieh.

Fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-parti tar-raħal tas-Siġġiewi magħrufa bħala il-Fawwara hemm kappella żgħira li fil-Kwadru Titulari tagħha hemm ukoll ix-xbieha ta' Santa Katarina. Din il-kappella kienet inbniet minn ċerta Gerolama Ciantar fis-sena 1616 wara li din kienet għamlet wegħda mal-Madonna biex jerġa' jibda jnixxi l-ilma mill-blat biex tkun tista' ssaqqi r-raba tagħha li kellha fl-inħawi.

Fil-kwadru li hemm fuq l-Altar hemm ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu bilqegħda fuq tron sabiħ ta' sħab abjad bil-Bambin Ġesù f'idejHa. Fuq Ras il-Madonna hemm Kuruna li mdawwrin magħha għandha tnax il-kewkba.Fuq in-naħa tax-xellug tat-tila jidher San Girolamu għall-Benefattiriċi ta' din il-knisja filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm ix-xbieha ta' Santa Katarina. Din narawha bilwieqfa fuq r-Rota mkissra tal-Martirju b'xabla f'idejha filwaqt li qegħdha żżomm ukoll il-Palma, simbolu tal-Martirju.

Din il-kappella wara xi żmien kienet għaddiet f'idejn il-Konfraternità tal-Karità li kienet ferm attiva fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta. B'tifkira ta' dan, fil-

kwadru hemm żewġ fratelli bil-kapoċċ fuq wiċċhom u l-arma tal-Fratellanza. Dan il-Kwadru wkoll ma nafux min hu l-Artist li pinġih.

Iż-żewġ kwadri jagħtuna ħjiel ta' kemm kienet qawwija d-Devozzjoni lejn Santa Katarina fir-Raħal tas-Siġġiewi.

